Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15922/25

LIMITE

ENV 1278

PUBLIC

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Talba għal reviżjoni interna, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, tad-Direttiva (UE) 2025/1237 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.6.2025 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta’ protezzjoni tal-lupu<br>- Approvazzjoni tat-tweġiba |

1. Fit-13 ta' Awwissu 2025, il-Kunsill irċieva, mingħand Gesellschaft zur Schutz der Wölfe e.V, talba għal reviżjoni interna, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006, tad-Direttiva (UE) 2025/1237 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.6.2025 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu[1].

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-abbozz ta' tweġiba[2] fis-26 ta' Novembru 2025. Id-delegazzjonijiet ġew mistiedna wkoll jibagħtu kummenti sat-28 ta' Novembru 2025. Ma sar l-ebda kumment dwar l-abbozz ta' tweġiba.

[1] ST 15686/25, WK 15910 2025 (l-Annessi 1-10), WK 15912 2025 (l-Annessi 11-19), WK 15915 2025 (l-Annessi 20-30), WK 15919 2025 (l-Annessi 31-39), WK 15920 2025 (l-Annessi 40-49), WK 15921 2025 (l-Annessi 50-60).

[2] ST 15710/25.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-abbozz ta' tweġiba, kif jinsab fid-dokument ST 15710/25, bħala punt "A", f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

PUBLIC